Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 32/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

32. 1 Ittri ta' Apoloġija

32.1.1 Il-President semma li fl-aħħar ħin diversi Sindki talbu li jkunu skużati mil-laqgħa. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Cascun, il-Kumitat qabel li għandhom jitniżlu skużati.

32.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 31

32.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 31 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv.

32.2.2 Fuq proposta tal-President issekondat mis-Sur Joseph Abela Galea il-minuti ġew approvati kif preżentati.

32.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 27

32.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clive Pulis u s-Sur Joseph Abela Galea ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu 2024 u l-27 ta' Marzu 2024 li kienet tammonta għall-€281,619.78

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

32.4 Punti oħrajn

32.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2032	Il-President spjega li r-Reġjun attenda l-laqgħat kollha li kien imsejjaħ għalihom. Semma wkoll li s-Segretarju Permanenti kien ċar li l-istatut ried ikunu riflessjoni ta' l-istatut tal-V18 li sar fis-sena 2014. Il-President semma li r-Reġjun irċieva komunikazzjoni mill-Kunsill li tnejn mill-amministratturi nominati kienu rrinunzjaw li jkunu fil-pożizzjoni. Il-President semma li huwa jinstab ippreokkupat bi nuqqas ta' interess li issa jista' jkun hemm mill-partijiet kollha ikkonċernati anki meta għadd m' hemmx direzzjoni ċara jekk il-Belt hux ser tkun ta' detterrent sabiex il-bid timxi 'l quddiem.
32.4.2 Uffiċjal Maniġerjali - Kultura	Il-President semma li r-Reġjun talab għall-permess lid-diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex tkun tista' tinħareġ is-sejħa. Semma li qabel id-Diviżjoni ma tati bil-miktub l-eliġibbilita' u r-responsabilitajiet ta' dawn l-Uffiċjali, ir-Reġjun mhux ser ikun qed joħroġ is-sejħa.
32.4.2 Il-Binja tar-Reġjun	Il-President semma li kienu qed issiru laqgħat mal-Affordable Housing u l-Periti. Semma li l-pjanta kienet qed tiġi konkluża kif ukoll kienet qed tinħadem il-proposta finanzjarja.

32.5 Management Letter u Risposta għaliha

32.5.1 Il-President ressaq għall-attenzjoni tal-Membri l-Management Letter għas-sena 2023. Is-Segretarju Eżekeuttiv tat spjegazzjoni ta' dak rimarkat fl-ittra kif ukoll semmiet il-punti li fuqhom ir-Reġjun kien ser jirrimarka.

32.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat qabel li għandu jdaħħal risposta kif kienet qed tiġi proposta.

32.6 Komunikazzjoni mill-President

32.6.1 Il-President semma li r-Reġjun kien ingħata premju waqt il-Waste Reduction Awards organizzati mill-Wasteserv. Semma li r-Reġjun kien ġie fit-tielet post mill-ġbir ta' skart organiku. Semma li ta' dan ingħata premju ta' €2,000 li jridu jintużaw għall-investiment mir-Reġjun fl-istess qasam. Kien hemm qbil li jsiru skips branded sabiex jintużaw fil-festi.

32.6.2 Il-President semma li kien attenda għall-laqgħa mal-Arts Council. Semma li kienet ser tkun imnedija skema għall-fondi sabiex ir-Reġjun jorganizza inizjattiva kulturali.

32.6.3 Il-President semma li kien ġie ffirmat l-agreement mal-Wasteserv għas-sena Mejju 2024/ April 2025 sabiex ikun hemm reimborz għall-ġbir ta' skart organiku domestiku kif ukoll miċ-ċimiterji.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

32.7 Aġġornament

32.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta ta' tmienja ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 19 t' April fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv